Tkompli minn pagna 7

**NEFAIL ZHEJANI** : Wara 4 Ungerizi wasal l-ewwel player Albaniz. Illy, kif inhu maghruf, kien player inteligenti f'nofs il-grawnd fejn kien kapaci kemm biex jiddefendi kif ukoll jghin fl-attakk specjalment bill-passes precizi li kien jaghti. Difett li kellu kien li kien xi ftit slow fil-grawnd, u forsi li kien jirsisti aktar kien ikun player hafna ahjar. Ghamel xi zmien ukoll bhala player coach, kif ukoll bhala assistant-coach ma' Ronald Vella u kowc tal-Minors.

**ILIR PELINKU** : Player b'sahhtu u attakkant prolifiku li izda dam biss sena maghna qabel ing-haqad ma' timijiet ohra fil-1st. Div. u Premier. Fil-grawnd kien jiftiehem hafna ma' l-Albaniz l-iehor Illy u kien jimpressjonak ghas-serjeta u l-interess li kellu fit-training. Meta waqaf jilghab iddebutta bhala kowc maghna fejn ghamel sena u wara kompla ma Marsa u llum ma' Lija Ath. fil-Premier.

**KOLA GJON** : Player Albaniz iehor li kien ha post Illy f'nofs il-grawnd. Kien impressjona ghal fatt li ma kienx hemm aspettativi kbar fuqhu, izda maz-zmien beda juri loghob tajjeb u kien ferm utli ghat-tim. Kien skorja goal sabih kontra Dingli, meta qabad il-ballun mill-kaxxa taghna u baqa tiela sakemm skorja wara li ddribilja diversi players. Kellna nitilquh wara li nbidlu ir-regoli u fil-1st. Div stajna inzommu player wiehed biss barrani.

**OSAMA MASSUD NASR** : L-ewwel player Libjan li kellna. Kien tfacca darba wahda l-grawnd waqt it-training. Hadd ma kien jafu u gie kellimna biex jara jistghax jittrenja maghna. Beda jittrenja u intghogob, u billi kellna biss player strangier wiehed dak l-istagun, gie ingag-gat, anke ghaliex ma kienx sewa flus. Laghab regolarment u kien ta' livell accettabbli izda dak iz-zmien aktar kellna bzonn ta' skorer milli player mal-linja kif kien jilghab hu, u sena wara ma ggedditlux il-kuntratt.

**EDGELI KAMAL** : Libjan iehor li ha post Osama. Kien attakkant li diga kellu certa fama Malta u ghamel sentejn maghna fejn kien jiskorja regolarment u certament l-aqwa skorer li qatt kellna l-Mellieha. Kien beda bill-kbir b'hat-trick kontra Dingli, u wiehed mill-isbah goals li skorja kien kontra Mosta b'rovexxata. Kien tassew b'sahhtu, b'girja tajba li kien ihalli lill-kulhadd warajh. Kontra qalbna kellna innehhuh meta waqajna fis-2nd. Div u ttrasferajnih lil Mosta.

## LISTA TA' PLAYERS BARRANIN MAL-MELLIEHA

| PLAYER | PAJJIZ | STAGUNI | LOGHOB | GOALS |
|---|---|---|---|---|
| BELA KARL | UNGERIJA | 1990/9l/92 [2] | 36 | 13 |
| EDGELI KAMAL | LIBYA | 1997/98/99 [2] | 38 | 25 |
| KATONA SZOLT | UNGERIJA | 1992/93 [1] | 9 | 1 |
| KOLA GJON | ALBANIA | 1997/98 [1] | 12 | 3 |
| OSAMA MASSUD NASR | LIBYA | 1996/97 [1] | 17 | 3 |
| PELINKU ILIR | ALBANIA | 1995/96 [1] | 18 | 8 |
| SZONYE ATTILA | UNGERIJA | 1989/90/91/92/93/94/95 [6] | 88 | 35 |
| VARGA SANDOR | UNGERIJA | 1992/93 [1] | 6 | 0 |
| ZHEJANI NEFAIL | ALBANIA | 1993/94/95/96/97 [4] | 74 | 15 |
| | | | | |